# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(Agent President)**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Illum it-Tnejn 16 ta' Novembru 2015**

**Numru**

**Rikors Numru 219/15**

**Jacqueline Balzan f'isimha propju u bhala**
**kuratrici ad litem ta' wliedha minuri**
**Filippa, Mario, Georgina, u Karl ahwa Balzan**

**v.**

**Joseph Balzan**

**Il-Qorti:**

Dan huwa provvediment fuq rikors tal-konvenut prezentat fil-5 ta' Mejju 2015 fejn talab illi "pendenti d-decizjoni finali jigu iffissati granet u hinijiet ghall-access taht supervizjoni tal-Agenzija Appogg u taht dawk il-

kundizzjonijiet li jidrilha xieraq biex jigu salvagwardjati l-interessi tal-minuri u salv kull provvediment iehor”.

L-attrici qeghda topponi ghal dan u fost affarijiet ohra tghid li din il-procedura hija intempestiva u intiza biex tesegwixxi parzjalment is-sentenza li minnha appella l-istess rikorrent. Dan ghaliex kif qalet is-sentenza tal-Qorti tal-Familja li qed tigi appellata, “qabel ma jigi ikkonsidrat xi forma ta' access tal-missier … … … huwa mehtieg li t-tfal jghaddu minn terapija u huwa biss jekk tali terapija twassal ghal rigenerazzjoni ta' relazzjoni sana … … … li l-access ikun rakkomandat.”

Jidher car ghall-Qorti li r-rikors in kwistjoni sar ghaliex ir-rikorrent irid jghaggel jibda l-process li huwa jittama li jwassal biex jirripristina l-kuntratt ma' wliedu li issa ilu nieqes ghal xi snin. Dan ghaliex huwa naturali li l-appell tieghu stess se jtawwal iz-zmien biex tigi deciza l-kawza b’mod definittiv.

Madankollu tenut kont tal-fatt li l-appell huwa gia` appuntat u hemm data iffissata ghat-trattazzjoni tieghu, lil din il-Qorti ma jidhrilhiex li dewmien ta' ftit gimghat fir-rigward se jaghmel xi hsara irrimedjabbli lir-rikorrent jew aktar u aktar lill-minuri. Ghalhekk ikun inopportun li l-Qorti taghti xi provvediment fir-rigward meta d-decizjoni finali taghha mhijiex prospettata li ddum.

Ghaldaqstant il-Qorti tiddisponi mir-rikors billi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Agent President | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df